MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-1985

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet.

ACT No. XVII of 1985

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Ports Ordinance, 1962.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

18 ta' Ottubru, 1985

ATT Nru. XVII ta' l-1985

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1985 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Portijiet, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fit-18 ta' Ġunju, 1985.

Żieda ta' artikolu ġdid 18A mal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Bdoti eċċ u l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

Att VI ta' l-1956

18A. (1) Minkejja l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali bdoti u rmiġġaturi għandhom jitqiesu, għall-finijiet biss ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet u biex jiġu riċevuti benefiċċji taħt dak l-Att, li huma mpjegati tas-sidien, tal-kaptani, taċ-*charterers* jew ta' l-aġenti ta' bastiment jew ta' xi persuni oħra li jitolbu s-servizzi tagħhom u dawk is-sidien, kaptani, *charterers* jew aġenti jew persuni oħra għandhom jitqiesu li huma l-prinċipal tal-bdoti u l-irmiġġaturi.

(2) Id-Direttur tal-Portijiet għandu jnaqqas mill-qliegħ tal-bdoti u ta' l-irmiġġaturi u għandu jiġbor mingħand il-kaptan, l-aġent, iċ-*charterer* jew is-sid ta' bastiment jew mingħand xi persuna oħra li titlob is-servizzi ta' bdoti u rmiġġaturi dawk il-kontribuzzjonijiet b'dik ir-rata li minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ dwar impjegati u prinċipali rispettivament taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u għandu jibgħat dawk il-kontribuzzjonijiet lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-portijiet bi ftehim mal-Ministru responsabbli għas-servizzi soċjali jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali taħt dan l-artikolu u għall-ħlasijiet ta' kull benefiċċji li għandhom jitħallsu lil bdoti u lil irmiġġaturi taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 280 ta' l-14 ta' Ottubru, 1985.

JOHN BUTTIGIEG,
Aġent Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati